

32001R1669

L 224/3

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.8.2001

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1669/2001
tal-20 ta' Awissu 2001**

li jemenda l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1917/2000 li jniżżel ċerti disposizzjonijiet għal-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 rigward Statistiċi fuq Kummerċ estern

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

B'rigward għat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

B'rigward għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 tat-22 ta' Mejju 1995 dwar l-istatistika li għandha x'taqsam mal-kummerċ ta' l-oġġetti mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha ma' pajjiżi mhux Membri ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 374/98 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 ta' dan,

Billi:

- (1) L-użu ta' *threshold* għal kull transazzjoni ta' statistiċi ta' kummerċ estern jistgħa jħalli fondi apprezzabbli fuq l-ispejjeż għal ġbir ta' l-informazzjoni, għall-ispejjeż ta' telf limitat ta' preċiżjoni.
- (2) Konsiderazzjoni sħiħa ta' statistiċi ta' kummerċ estern irid ikun assigurat, b'mod partikolari fl-użu tagħhom fil-livell macro ekonomiku biex jistabilixxi kontinuità nazzjonali u l-bilanċ ta' pagamenti. L-użu ta' *threshold* statistiku irid għalhekk ikun kompensat għalih bi stima tad-data taħt it-*threshold*.
- (3) L-ammont ta' *threshold* ta' statistiċi kien kalkolat b'mod li jilħaq bis-sħiħ l-għanijiet ta' tfaddil fl-ispejjeż ta' kollezzjoni, u jieħdu akkont tat-tendenzi fil-prezzijiet u jrispettaw ir-relevanza u l-preċiżjoni ta' l-istatistiċi ppubblikati skond in-Nomenklatura Kombinata.
- (4) Proċeduri oħrajn li jħallu l-piż ta' kollezzjoni ta' data tkun simplifikata u limitata mingħajr effett fuq il-kwalità, per eżempju l-użu ta' dikjarazzjonijiet elettroniċi. Applikazzjoni ta' *threshold* statistiku irid għalhekk jibqa bħala għażla.
- (5) Il-miżuri li hemm provdut f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat fuq Statistiċi ta' Kummerċ Estern,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1917/2000 ⁽³⁾ se jkun mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 3

1. It-*threshold* statistiku imsemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku se jkun imwaħħal, għal-kull tip ta' oġġett, sabiex l-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet aktar minn EUR 1 000 f'valur jew 1 000 kg f'massa netta se jkunu miġ-bura għal-produzzjoni ta' statistiċi ta' kummerċ ta' barra.

2. Applikazzjoni mill-Istati Membri tat-*threshold* imsemmi fil-paragrafu 1 se jibqa bħala għażla.

3. L-informazzjoni trasmessa perjodikament mill-Istati Membri li japplikaw *threshold* statistiku se jkun aġġustat sabiex il-valur ta' l-kummerċ li jinstab taħt it-*threshold* jkun inkluż fl-istatistiċi tal-kummerċ estern, għall-inqas għal-prodotti sħaħ.

Fin-nuqqas ta' armonija fid-disposizzjonijiet adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura imniżżla fl-Artikolu 21 tar-Regolament Bażiku, kull Stat Membri se juża l-metodu ta' aġġustament li jikkonsidra l-aktar xieraq.

4. L-Istati Membri li japplikaw *threshold* statistiku se jinformaw il-Kummissjoni fuq l-ammont ta' dak it-*threshold* u l-metodu ta' aġġustament użat.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fl-20 jum minn wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Se japplika mill-1 ta' Jannar 2002.

Dan ir-Regolament se jorbot fl-intier tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Sar fil-Brussel, 20 ta' Awissu 2001.

Għall-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 118, tal-25.5.1995, p. 10.

⁽²⁾ ĠU L 48, tad-19.2.1998, p. 6.

⁽³⁾ ĠU L 229, tad-9.9.2000, p. 14.